# Kronaka tal-Għaqda

## IL-LAQGĦA ĠENERALI U D-DISKORS PRESIDENZJALI

NHAR il-Ħadd, it-12 ta' Frar, 1950, saret Laqgħa Ġenerali u ħatra tal-Kunsill il-ġdid għas-snin 1950-51. Il-President, Kav. Dr. Ġ. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., fetaħ il-laqgħa b'diskors li fih bejn wieħed u ieħor qal hekk:—

"Mill-aħħar darba li kont preżenti għal-laqgħa ta' din ix-xorta għaddew erba' snin li fihom saru bosta ġrajja li għandhom effett kbir fuq il-ħajja tal-Għaqda tagħna; fost dawn, ta' min isemmi l-ewwelnett il-Kostituzzjoni l-ġdida li tat lill-Ilsien Malti l-post li ħaqqu fil-ħajja tagħna; b'hekk il-Malti tneħħa mill-intrigi lokali, għaliex issa l-qagħda tiegħu tista' tinbidel biss b'mezz ta' Att tal-Parlament Ingliż; din il-bidla saret bix-xewqa tal-poplu Malti u bil-ħidma ta' xi membri tal-Għaqda. M'ilux sar fatt ieħor, li għalkemm forsi għadda inosservat, hu wkoll ta' l-aqwa importanza għalina: skond il-Kostituzzjoni l-ġdida fil-Parlament Malti l-membri kienu jistgħu jitkellmu bil-Malti, imma d-diskors tagħhom kien ikun reġistrat bil-Malti bi traduzzjoni bl-Ingliż; billi xi ħadd mill-Għaqda ċeħerlu li dan kien ħala ta' żmien u ta' flus, wassal din il-fehma tiegħu f'ras il-għajn: riżultat ta' dan hi l-liġi ta' dan l-aħħar li tgħid li d-diskorsijiet fil-Parlament Malti jkunu reġistrati bl-ilsien li jsiru.

"Iżda, issokta jgħid il-President, l-Ilsien Malti għad baqagħlu xi għedewwa: (1) Dawk li huma kontra tiegħu għax qatt ma qagħdu jaħsbu sewwa xi jfisser l-Ilsien Malti għalina; (2) u dawk li huma kontra tiegħu bħala prinċipju. Għalhekk, ix-xogħol tagħna ta' kumbattiment għadu meħtieġ, iżda sabiex din il-ħidma jkollha l-frott mixtieq jeħtieġ li l-battalja ssir bid-dinjità; l-aħjar u l-aqwa mezz ta' difiża hi l-kitba bil-Malti — il-kittieba jistgħu u għandhom jitqiesu bħala l-aqwa difensuri ta' lsienna; dan jitlob minna inkoraġġiment lill-gazzetti u rivisti pubblikati bil-Malti kif ukoll lil dawk il-perjodiċi li għalkemm il-kitba fihom tidher b'ilsna oħra, jistgħu jservu ta' ġid għall-iskop tagħna.

"Fl-aħħarnett, qal il-President, għandi aħbar x'nagħtikom li ma tistax ma tferraħx il-qalb ta' dawk kollha li jħobbu lill-Għaqda: bil-ġenerożità tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi dal-waqt

sa tinfetaħ id-Dar tal-Għaqda; is-Sur Muscat Azzopardi sa jħallsilna l-kera. imma billi dan il-pass ġdid li sa nieħdu jtaqqal il-pis finanzjarju tagħna, jien nagħmel sejħa lill-Membri biex igħinu mill-aħjar li jistgħu. Din id-Dar tkunilna ta' ġid kbir billi bis-saħħa tagħha nkunu nistgħu nżidu u nkabbru l-ħidmiet tagħna".

Ir-rapport tas-Segretarju kien :—

MA' tul is-sena 1949 saru tmien seduti mniżżlin fir-reġistri tagħna min-Nru. 81 san-numru 88. Ma' tulhom saru ħwejjeġ ta' fejda li jien se nsemmihom waħda waħda barra minn dawk li għandhom x'jaqsmu malfondi finanzjarji li fuqhom se jitkellem il-ħabrieki ħabib tiegħi Victor Apap.

L-ewwel diffikultà li ltaqa' magħha l-Kunsill kienet meta sar jaf li hemm proposta tal-Gvern biex tinħatar Kummissjoni biex tirrevedi l-Ortografija u l-Grammatka tal-Malti. Għalkemm il-Membri maħturin mill-Gvern kienu kollha Membri Akkademiċi tal-Għaqda, iżda huma kienu ġew imsejħin fil-kwalità tagħhom personali. Kieku din il-Kummissjoni laħqet bdiet xogħolha kien ikun prinċipju tassew ikreħ u sfavorevoli għall-Għaqda tagħna. Għalhekk mela ħadna l-prekawzjonijiet kollha u l-passi meħtieġa u rnexxielna nipperswadu lill-Gvern biex iħassar dan il-ħsieb tiegħu.

Haġa oħra importanti kienet dik tal-Kongress tal-Malti li ilu ħafna jberren moħħ il-kapurjuni tal-Għaqda. Dan il-proġett kien raġa' ġie studjat u kienu ġa ttieħdu l-passi biex isir ma' tul is-sena 1949, iżda wara ġie deċiż għal diversi raġunijiet li jsir fl-1950 f'egħluq it-30 sena mit-twaqqif tal-Għaqda, kommemorazzjoni aktar addattata.

Rigward il-laqgħat akkademiċi li kienu jsiru kultant u li l-aħħar waħda saret 'il fuq minn sena ilu, ġie maħsub u deċiż li f'dawn iż-żmenijiet li għandna r-Rediffusion, tkun wisq iżjed ħaġa xierqa u ta' propaganda għalina jekk flok isiru bejnietna quddiem laqgħat ta' ftit nies, isiru minn fuq ir-Rediffusion u għalhekk fl-aħħar ċirkulari Nru. 11 li ntbagħtet lill-Membri ttieħdu l-passi meħtieġa biex issir waħda ma ddumx.

Ma' tul din l-aħħar sena u aktarx qabel ukoll inħasset il-ħtieġa li barra mis-Segretarju tal-Għaqda, jinħatar Segretarju għall-Propaganda li ma jkollux siġġu fil-Kunsill, u li xogħlu jkun biss li l-ħwejjeġ importanti li jsiru fil-Kunsill jiġu mxandra fil-pubbliku b'mezz tal-ġurnali u tar-Rediffusion. S'issa, ngħiduh b'sogħba, ebda membru ma sata' jaqdina għalkemm aħna nħossu li din hija ħaġa vitali għall-Għaqda tagħna.

Ma' tul is-sena l-Kunsill ħatar bħala Membri Akkademiċi lill-Prof. Serafin Zarb, O.B.E., S.Th.M., S.S.D., O.P., u lir-Rev. Karmenu Fenech. Hatar ukoll bħala Membru korrispondent tal-Għaqda fil-Kanada lis-Sur Ġorġ Bonavia.

Haġa importanti ferm li saret ma' tul din is-sena hija dik li tolqot il-*copyright*, jew jeddijiet tal-kittieba. Dina hija ħaġa diffiċli biex timxi regolarment għax qatt qabel ma ħadu ħsiebha u biex din il-għada ħażina —li mħabba fiha l-awturi jiġu injorati u mċaħħdin minn dak il-kumpens

finanzjarju li d-dinja kollha ċivilizzata ilha minn żmien tammetti—tinqata' għal kollox teħtieġ kooperazzjoni qawwija bejn il-Għaqda u l-Membri tagħha u viċi-versa.

Xi progress sar imma għadna lura ħafna għax il-Membri mhumiex ta' fehma waħda. Id-Direzzjoni tar-Rediffusion ammettiet il-prinċipju, imma jeħtieġ li l-Membri kollha jżommu iebes għax jekk ftit iċiedu jkunu qegħdin joqtlu l-jeddijiet ta' l-oħrajn.

Ma' tul din is-sena saret laqgħa akkademika speċjali meta kien hawn f'Malta għal ftit żmien il-poeta-ġurnalista wisq magħruf John Pudney.

Event sabiħ li ġara wkoll ma' tul din is-sena huwa li l-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi ġiet mogħtija lill-President tagħna, it-Tabib Galea, ġieh li minnu għandna sehem aħna wkoll. Nipprofitta ruħi minn din l-okkażżjoni biex nerġa' nifraħlu.

Għal min ma jafx, il-Gvern ħatar "Kumitat Konsultattiv" biex jagħtih il-pariri meħtieġa għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-Ilsien Malti. Lilna bagħat jitlobna biex naħtru żewġ Membri ħalli joqogħdu f'dan il-Kumitat, u l-Kunsill ħatar lis-Sinjuri Ninu Cremona u Ivo Muscat-Azzopardi.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jistampa n-novelli kollha ta' Sir Temi Zammit. Din l-istampa se tkun sussidjata mill-Gvern. Biex dan il-proġett jista' jsir kellna qabelxejn nixtru l-*copyright* tagħhom mingħand il-familja Zammit; għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jakkwista l-*copyright* tal-kitba kollha bil-Malti ta' Sir Temi Zammit bil-prezz ta' £50. Il-Kunsill jaf li dawn il-kotba meta joħorġu jidħlu bħala test fl-iskejjel u għalhekk nittamaw li jħallu qligħ sewwa lill-Għaqda.

Il-Kunsill, fil-laqgħa tiegħu Nru. 85, reġa' qajjem il-kwistjoni taddimissjoni tas-Sur Ġużè Chetcuti minn Segretarju, kwistjoni li kienet fdata lilu fl-aħħar laqgħa ġenerali. Il-Kunsill wara li studja l-kwistjoni minn kull naħa qata' li d-dimissjoni tas-Sur Ġużè Chetcuti minn Segretarju tal-Kunsill tal-Għaqda għandha tiġi interpretata li timplika wkoll id-dimissjoni tiegħu minn Membru tal-Kumitat.

Ħaġa oħra li ġrat ma' tul l-aħħar sena hija li t-Tabib Galea, bħala editur ta' "Il-Malti", irċieva ittra minn għand il-Gvern rigward il-Kummissjoni maħtura biex temenda l-Liġi ta' l-Istampa.

Il-Kunsill ħalla f'idejn it-Tabib Galea t-tweġiba meħtieġa.

Ta' min isemmi wkoll il-fatt illi l-Għaqda għall-ħabta tal-Milied kienet irċeviet biljett minn għand l-ex-Gvernatur ta' Malta Sir Francis Douglas u s-Sinjura tiegħu li bih xtequlna Milied tajjeb u sena ġdida ta' ġid.

Dan juri kemm Sir Francis kien japprezza l-ħidma tagħna għall-Ilsien Malti u aħna weġibnieh kif jixraq.

L-aktar ħaġa importanti li ġrat ma' tul is-sena hija bla dubju xejn li fl-aħħar irnexxielna nsibu dar żgħira li fiha nifthu, wara 30 sena ħajja, id-Dar tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Naħseb li kulħadd qara ċ-Ċirkulari Nru. 11 u ma hemmx għalfejn inżid kliem iżjed.

Il-kera ta' £20 fis-sena se jħallsu s-Sur Hugh Muscat-Azzopardi, u l-Għaqda issa tixtieq li min jista' jgħin billi jagħti kontribuzzjonijiet ta'

£1 fis-sena għall-ispejjeż meħtieġa biex din id-Dar tinżamm kif jixraq. S'issa aċċettaw dawn is-Sinjuri: it-Tabib Galea, Ninu Cremona, Patri Akkursju Xerri, Karmenu Vassallo, Marju Agius, Godfrey Zarb Adami, Prof. Patri Pawl Tabone, Vladimir Darmanin, Ivo Muscat Azzopardi, Dun Frans Camilleri, it-Tabib R. Briffa, Ġużè Diacono, P.L., Dr. Anton Buttigieg, Ġużè Chetcuti u Prof. E. Coleiro.

Iżjed ma jkollna iżjed tikber il-ħidma tal-Għaqda u aktar tikber ir-rivista tagħna "Il-Malti".

## IL-KUNSILL IL-ĠDID GHAS-SNIN 1950-51

Il-Kunsill il-ġdid ġie iffurmat hekk :—

*Presidenti Onorarji* : Prof. Dr. Ġ. Aquilina, B.B., LL.D., Pr. D. ; il-W. Rev. Patri Prof. A. Cuschieri, Ph.D., D.D., O.C. ; is-Sur Gino Muscat Azzopardi ; Rev. Mons. K. Psaila, D.Litt. ; ir-Rev. Mons. Prof. P. P. Saydon, B.A., B.L.Can., D.D., Lic.S.S.

*Viċi-President Onorarju* : Rev. Mons. P. Galea, J.U.D.

*President* : Kav. Dr. G. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.

*Viċi President* : Sur A. Cremona.

*Segretarju* : Sur G. Zarb Adami.

*Teżorier* : Sur Victor Apap.

*Membri*: Kapt. J. Busuttil; Dr. A. Buttigieg, B.D., LL.D.; ir-Rev. F. Camilleri ; il-Wisq Rev. Kan. Prof. E. Coleiro, B.A., J.C.B., D.D., Ph.D.; Wisq Rev. Patri Prov. Ġ. Delia, S.J.; is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, P.L. ; is-Sur Karmenu Vassallo ; Patri Akkursju Xerri, O.F.M. ; il-Wisq Rev. Patri Prof. S.M. Zarb, O.P., O.B.E., S.Th.Mm., S.S.D.

## MEMBRI AKKADEMIĊI TAL-"GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI"

Agius Dr. E., M.D., B.Sc., D.P.H., D.Bact.
Agius Mario.
Apap Victor.
Aquilina Prof. Ġ., B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.).
Barbara Patri Val., O.P.
Biancardi Nikol.
Borg Alf. M.
Born Patri Wist., O.P.
Briffa Dr. Ros., B.Sc., M.D.
Busuttil, Kapt., J.E.
Butcher May.
Buttigieg Dr. Ant., B.A., LL.D.
Camilleri Rev. Frans.
Caruana Fr. Sav.
Caruana Karmenu.
Cassar Pullicino Ġ.
Cassola Alb. M.

Cauchi Dr. G., LL.D.
Chetcuti Ġużè.
Coleiro Prof. Kan. E., B.A., B.L.Can., D.D., Ph.D. (Lond.).
Cremona Antonio.
Cuschieri Prof. Patri A., Ph.D., D.D. (Greg.).
Delia Patri Prov. Ġ., S.J.
Diacono Ġużè, P.L.
Ellul Mercer Ġużè.
Farrugia Rev. Kan. Ġammari.
Farrugia Rev. Kapp. Karmenu, D.D.
Galea Dr. Ġużè, M.B.E., M.D., D.P.H.
Galea Joseph. B.A.
Galea Mons. P., J.C.D.
Gatt Ġużè.
Gatt Salv.
Glavina Patri Dan., S.J.
Kissaun Mikiel.
Mallia Ġużi.
Mejlak Patri Ġ., S.J.
Mejlak Mary.
Muscat Azzopardi Gino.
Muscat Azzopardi Ivo, P.L.
Nicholas Alf.
Pisani George.
Porsella Flores Ġ.
Psaila Mons. K., D.Litt.
Ransley George, Kav.
Rapa Patri Piju, O.P.
Sant Karmenu.
Sant Rev. Karm., B.A., B.D.
Saydon Prof. Mons. P.P., B.Litt., B.L.Can., D.D., Lic.S.S.
Serracino-Inglott Erin.
Scerri Patri Akkursju, O.F.M.
Tabone Prof. Patri P., O.F.M.
Vassallo Arthur.
Vassallo Karmenu.
Vella Haber Karmenu.
Zahra Walter.
Zammit Dr. G., B.A., LL.D.
Zarb Prof. Patri S.M., OP., O.B.E., S.Th.M., S.S.D.
Zarb Adami Godfrey.

**Membri Korrispondenti.**

Ropa Laurent (Pariġi).
Ellul Edward (Londra).
Bonavia George (Kanada).

---

KIF naħsbu li l-Membri ġa jafu, "Il-Għaqda" ġiet mistiedna biex il-Membri tagħha, fosthom il-kittieba, jibagħtu xi kotba bil-Malti lill-Bibljoteka Ambrosjana ta' Milan, li fetħet Ċentru Lingwistiku ma' ġenb il-Bibljoteka biex, malli jkunu lesti t-tiswijiet meħtieġa ġewwa dan il-bini qadim li sofra xi ħsarat mill-gwerra, dan iċ-ċentru jifforma sehem tal-Bibljoteka stess fejn għandha tinfetaħ sala speċjali għalih.

Għalhekk, dawk kollha li jixtiequ jibagħtu xi kotba bil-Malti fuq il-Lsien Malti jew xi pubblikazzjonijiet letterarji tagħhom jibagħtuhom lill-Uffiċjal Inkarigat tal-Propaganda tal-"Għaqda", is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, P.L., Triq id-Dejqa, Nru. 47,

il-Belt Valletta, u dan imbagħad jaħseb jibgħathom lid-Direttur tas-"Sala Linguistica" tal-Bibljoteka Ambrosjana, Milan.

Biex wieħed ikollu xi ħjiel storiku ta' l-oriġini u żvilupp ta' din il-Bibljoteka sa nġibu hawn taħt xi noti storiċi tagħha.

## IS-SALA TAL-LINGWISTIKA TAL-BIBLJOTEKA AMBROSJANA

Il-Bibljoteka Ambrosjana ta' Milan fetħet Sala tal-Lingwistika, fejn wieħed jista' jmur jistudja u jagħmel ir-riċerki lingwistiċi tiegħu.

Din hi istituzzjoni li ndaħal għaliha, b'ħeġġa u ħrara kbira, b'ħidma umli u daqshekk ieħor bla interess personali, wieħed mill-istudjużi ta' l-ilsna moderni, Dr. Erminio Turcotti, illi fil-waqt li kellu l-appoġġ ta' l-awtorità tal-bibljoteka qadima ta' Milan, dar ukoll fuq djar ta' l-istampa u pubblikazzjonijiet, universitajiet, bibljoteki, banek, istituti ta' kultura ta' pajjiżi oħra sabiex dawna jgħinuh f'din l-impriża u b'hekk tinħoloq għal din il-bibljoteka ġabra ta' kotba u ta' rivisti barranin — mezz sħiħ sabiex titwettaq relazzjoni ta' bejn aħwa għal dik li hija ħidma letterarja, filoloġika u xjentifika fost in-nazzjonijiet wara l-irwiefen ħorox tal-gwerra. Din is-sejħa kellha minnufih tweġiba sabiħa, u, għalhekk, dan l-ewwel pass li ttieħed mill-promotur Turcotti mexa 'l quddiem u sal-lum għamel biċċa triq sewwa sabiex jasal fl-iskop tiegħu b'mod li, f'qasir żmien, il-bibljoteka mtliet b'għadd kbir ta' kotba li waslu minn kull banda tal-kontinenti tad-dinja, tant li sala waħda ma tkunx biżżejjed biex tasagħhom kollha. Nistgħu ngħidu li s'issa wieġbu mal-35 nazzjon li bagħtu b'xejn opri kbar u mill-isbaħ, miktubin b'27 ilsien, mill-Irlanda sa New Zealand, mill-Istati Uniti ta' l-Amerika sar-Russja, u miċ-Ċina sal-Brażil.

L-istudjużi kollha ta' l-ilsna u ta' letteraturi moderni, u, b'mod speċjali, dawk kollha li jgħallmu, ikollhom il-vantaġġ li jmorru fis-sala tal-Lingwistika tal-Bibljoteka Ambrosjana, fejn jistgħu minn hemm jissellfu kotba u rivisti mill-iktar moderni li wieħed qajla jista' jsib band'oħra.

* * *

It-"Teen-Age Times" — "Youth in the News", ta' Lulju, 1949, ħareġ fuq hekk sejħa taħt it-titlu "Books Wanted", fejn qal illi l-magħrufa Bibljoteka Ambrosjana f'Milan, għandha bżonn l-għajnuna taż-żgħażagħ (minn 13 sa 19-il sena). Dr. Turcotti, li jidher għall-Bibljoteka jitlob

lit-tfal, subien u bniet, biex jibagħtu kotba dwar pajjiżhom b'ilsien art twelidhom

Din is-sejħa hija biċċa mill-pjan ta' l-iskop tiegħu, li jiġifieri jarġa' jwaqqaf u jġib il-Bibljoteka fl-istat ta' ġieh u kobor bħalma kienet qabel il-gwerra. Ma' tul il-gwerra inqerdu mat-80.000 ktieb ta' valur liema bħalu, barra l-ħsara kbira li sofra l-istess bini.

Dr. Turcotti fisser ruħu illi l-bibljoteki kbar ta' pajjiżi oħra jistgħu bl-istess mod ikollhom is-Sala tal-Lingwistika u jżommu relazzjoni u korrispondenza maċ-Ċentru Lingwistiku tal-Bibljoteka Ambrosjana ta' Milan.

* * *

Fuq dak li fisser Dr. Turcotti aħna jidhrilna wkoll li hawn Malta, jekk u meta l-Bibljoteka tagħna hawn Malta għad tikber, kif nittamaw li 'l quddiem għad tikber, bħala ċentru tal-Libreriji Ċirkolanti, għandha tinfetaħ Sala tal-Lingwistika issa li l-istudji tal-lingwistika daħal fost l-istudjużi ta' l-ilsna semitiċi u romanzi. Nittamaw ukoll illi fid-Dar tal-Għaqda li sa nifthu tkun tinżamm librerija għaliha li jkun fiha biss kotba u manuskritti ta' kittieba Maltin, li jinteressaw lill-istudjużi Maltin u barranin tal-Lingwistika.

* * *

Fuq is-Sala tal-Lingwistika tal-Bibljoteka Ambrosjana tkellem ukoll "Il Nuovo Corriere della Sera" tas-7 ta' Novembru, 1947, li taħt it-titlu "Un centro linguistico istituito all'Ambrosiana", igħid fi ftit kliem dan li ġej:

"Kulħadd jaf, għax saħansitra naqraw fil-'Promessi Sposi', hemm fejn Alessandro Manzoni jġibilna quddiem għajnejna l-figura tal-Kardinal Federico Borromeo, illi fil-waqt li waqqaf mat-300 sena ilu l-Bibljoteka Ambrosjana, illi, bħala bibljoteka nazzjonali kienet l-ewwel waħda fl-Ewropa, ħaseb mhux biss biex jipprovdiha b'ħafna kotba stampati u manuskritti, imma wkoll biex jibgħat tmienja min-nies ta' l-iskola u mħarrġin fil-valur tal-kotba, eċċ., sabiex ifittxu u jiksbu kotba u manuskritti fl-Italja, fi Franza, fi Spanja, fil-Ġermanja, fi Fjandra, fil-Greċja, u saħansitra fil-Liban u f'Ġerusalemm u b'hekk irnexxielu, mhux biss li jiġbor ħażna kbira ta' dawn il-kotba u manuskritti, iżda li jibqgħu jibgħatulu minnhom. Ordna wkoll lill-bibljotekarju biex iżomm dejjem korrispondenza ma' nies għorrief ta' l-Ewropa, u b'hekk ikollu informazzjonijiet dwar l-istat tax-xjenzi u avviż fuq l-aħjar kotba li joħorġu u l-mezz li jiksibhom. Huwa ħatar grupp ta' "dottori", u 'l wieħed minnhom tah l-inkariku li jagħti ruħu għall-istudju ta' l-Ilsna Orjentali. Ordna lilkoll biex iżommu rabta ta' ħbiberija bejn l-istudenti ta' pajjiżi oħra, u żied mal-Bibljoteka. stabbiliment ta' l-istampa ta' Ilsna Orjentali-Lhudi, Kaldew, Għarbi, Persjan u Armen.

L-iskop ċar ta' dan il-bniedem kbir u letterat kien li jwettaq ir-rabtiet ta' ħbiberija bejn l-istudjużi tal-pajjiżi ċivilizzati u biex dawn igħarrfu lil xulxin bil-frott tal-ħidma tagħhom. Għal dan l-skop din l-istituzzjoni dejjem baqgħet taħdem u dejjem baqgħet sħiħa fil-fehma tagħha, iżżid fil-prestiġju u fama tagħha mad-dinja kollha.

L-isħab ikrah u kiefer tal-gwerra għal xi żmien kifsu d-dawl hekk sabiħ ta' din l-istituzzjoni qadima u firdu l-familja tan-nazzjonijiet, iżda, fl-istess ħin ġagħlu mbagħad lil dawn in-nazzjonijiet jifhmu l-bżonn kbir

li wieħed jgħaqqad b'iżjed saħħa r-rabtiet ta' bejniethom billi jħalltu l-idejiet bejn nies ta' razza differenti, il-għaliex b'dan il-mod biss li wieħed jista' jasal f'dak l-ideal hekk għoli li jgħaqqad lin-nies tad-dinja f'familja waħda bħal aħwa. Il-qirda stess tal-fondazzjoni glorjuża ta' Federik Borromeo wriet wisq iżjed il-bżonn li wieħed itemm dawk l-iskopijiet li kellu f'moħħu dak il-Qaddis Fundatur ta' dik l-istituzzjoni — illi jiġifieri jikbru u jissaħħu r-rabtiet tal-ħbiberija intellettwali fost in-nies tad-dinja billi jinbagħtu lil xulxin kotba ta' diversi ilsna.

Għalhekk inħoloq ma' ġenb il-Bibljoteka l-qadima Ambrosjana Ċentru speċjali tal-Lingwistika, u wieħed mill-aqwa studjużi ħabrieka ta' l-ilsna moderni, Dr. Erminio Turcotti, indaħal ħiex jibda x-xogħol ta' dan il-proġett. Flimkien mal-Prefett tal-Bibljoteka Ambrosjana, Mons. Giovanni Galbati, bagħat jistieden lill-istudjużi sabiex igħinu lil dan iċ-Ċentru l ġdid billi jibagħtu dawk il-pubblikazzjonijiet li bihom din il-Fergħa tal-Bibljoteka Ambrosjana tista' tkun iċ-ċentru xieraq ta' studji u riċerki. Din l-istedina inexxiet aktar milli wieħed sata' jistenna. Universitajiet, libreriji pubbliċi u privati, istituti ta' studji kulturali u kittieba mad-dinja kollha wieġbu u komplew iwieġbu għal din is-sejħa b'mod l-aktar utieq.

L-ixkafef tas-Sala tal-"Conservatori" issa tarahom mimlijin b'numru kbir ta' kotba ikkatalogati mhux biss skond in-nazzjonijiet, iżda wkoll skond is-suġġett jew argument sabiex jistennew li jitqiegħdu fis-Sala Borromeo li bħalissa qiegħda tissewwa mill-ħsarat li sarulha.

Il-bombi tal-gwerra mill-ajru ikkaġunaw ħsarat kbar lill-bini tal-Bibljoteka u lill-Gallerija ta' l-Arti, u xi swali storiċi ġew meqrudin għalkollox, fil-waqt li oħrajn sofrew ħsarat kbar.

Bħala biċċa xogħol materjali u ta' rikostruzzjoni spiritwali li sa jkollha preċedenza fuq xogħlijiet oħra twaqqfet is-Sala tal-Lingwistika li sa tkun għal kotba u rivisti li għandhom ikollhom importanza fil-kamp tal-lingwi, tal-filoloġija, ta' l-istorja u tal-letteratura.

Il-Bibljoteka l-qadima Ambrosjana li twaqqfet kif semmejna minn Federiku Borromeo fl-1609 tgħodd mal-35,000 manuskritt antik, fosthom ġabra prezzjuża ta' MMS Għarbin-Islamitiċi, 2,500 Incunabili, u 500,000 kotba stampati.